MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1373/2003

**Rosanne Paris u Raymond Cutajar**

**Vs**

**Joseph Percy Bonnici kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Vebo Company Limited u Catherine Bonnici**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000), li minnhom is-somma ta' Lm8,544.78 hi spejjez li qalu li ghamlu fil-fond Il-Lampier, 17, Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsascala u l-bilanc valur ta' xoghol u servizz li taw lill-konvenuti. Huma jsostnu li kellu jsehh ftehim bejniethom u

Joseph Percy Bonnici wieghed lill-atturi li jkunu jistghu jippartecipaw fin-negozju u jiehdu u jgawdu nofs il-qliegh li jrendi l-lokal ghall-perjodu ta’ ghaxar snin. Perjodu li kien gie ridott bi qbil ghall-hames snin. It-talba taqra:-

*“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom ihallsu l-ammont kumplessiv ta’ tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000) in kwantu tmint’elef, hames mija u hamsin Liri maltin u tmienja u sebghin centezmu bhala spejjez u benefikati mhallsa mill-atturi u l-ammont ta’ erbat-elef, erba’ mija u hamsin Liri maltin bhala valur ghal xoghol u servizzi rezi minnhom lill-istess konvenut jew konvenuti, bl-imghaxijiet legali”*.

Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata fit-30 ta’ Marzu 2004 wiegbu –

1. Raymond Cutajar m’ghandux interess guridiku ghaliex il-konvenut qatt ma ghamlu xi ftehim mieghu.
2. Il-konvenuti Bonnici m’humiex legittimi kontraditturi ghaliex fil-kapacita’ personali taghhom ma ghamlu l-ebda ftehim kif jinghad fic-citazzjoni, tant li l-kawza saret ukoll kontra kumpannija konvenuta. Ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
3. L-azzjoni hi bazata fuq l-Artikolu 1644 tal-Kodici Civili. Gialadarba l-ftehim ma sarx bil-miktub l-azzjoni ma tistax tirnexxi (Artikolu 1233 tal-Kodici Civili).
4. Ic-citazzjoni ghandha nuqqas ghaliex filwaqt li l-premessi huma bbazati fuq ‘il fatt li l-konvenuti huma inadempjenti mal-obbligi kuntrattwali u ghalhekk qed jigi nvokat ksur ta’ kuntratt, it-talbiet huma sempliciment ghall-kundanna ta’ ammont ta’ flus minghajr talba biex jigi ddikjarat li l-konvenuti huma inadempjenti jew li kisru l-obbligi taghhom.
5. Qatt ma kien hemm xi ftehim li xi hadd mill-atturi ser jircievi xi hlas ghas-servizzi. Inoltre l-atturi diga’ hadu minn jeddhom dak li qeghdin jippretendu fic-citazzjoni. Fil-fatt meta nqala’ l-inkwiet bejn Joseph Percy Bonnici u Rosanne Paris li kien li huha sar jaf ghall-ewwel darba li kemm l-attrici u l-attur kienu approprijaw ammont ta’ flejjes ghalihom infushom bla ma kien hemm ftehim fuq hekk.

6. Dwar l-ammont reklamat –

i. M’huwiex minnu li ntefaq l-ammont li qalu l-atturi u f’kull kaz l-ispejjez saru a riskju taghhom.

ii. L-ispejjez li saru fil-fond kien minn qliegh kapitali tal-gestjoni tar-restaurant. Ghalhekk irid jittiehed in konsiderazzjoni dan il-fattur u jitnaqqas sehem il-konvenuti mill-flus adoperati kif fuq inghad.

iii. Jekk l-atturi hadu xi flejjes bhala pagi, meta dan ma kienx miftiehem, allura dawn l-ammonti ttiehdu indebitament u ghandhom jitnaqqsu minn kull ammont li qeghdin jippretendu ghall-hlas ta’ spejjez f’miljoramenti fil-fond in kwistjoni. Hekk ukoll ghandu jitnaqqas il-kont tad-dawl u ilma li l-attrici halliet warajha.

iv. Qabel ma hargu mill-fond litteralment qerdu, hassru u farrku dak kollu li kien hemm fir-restaturant. Dan kif jirrizulta mir-ritratti li hemm fil-mandat numru 2215/03 u minn video. Bl-agir taghhom l-atturi innewtralizzaw kull talba ghall-ispejjez li ghamlu, peress li qerdu dak li qeghdin jippretendu li jithallsu ghalih.

Dan hu kaz li fih l-atturi qeghdin jitolbu hlas ghall-spejjez ghal xogholijiet li ghamlu fir-restaurant il-Lampier, 17, Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsascala, kif ukoll ghal xoghol li ghamlu fl-istess fond.

Wara li l-qorti qrat l-atti hi tal-fehma li hu minnu li bejn l-attrici u l-konvenut, li huma ahwa, kellu jsir ftehim bil-miktub ta’ shubija fil-gestjoni tan-negozju mir-restaurant in kwistjoni. Dan hu rifless fl-abbozz ta’ ftehim imhejji minn Emy Farrugia li pprezenta waqt is-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2008 u li ffirmat l-attrici. Il-konvenut baqa’ ma ffirmax. Ghalkemm il-konvenut insista li kull ma ghamel kien li ppermetta lill-ohtu li taghmel uzu mill-fond ghall-perjodu ta’ sena[1], Emy Farrugia xehed[2] li kien pprepara abbozz ta’ ftehim li kellu jigi ffirmat miz-zewg partijiet[3]. Kompla jghid –

[1] Seduta tat-12 ta’ Frar 2009. Verzjoni li m’hijiex kompatibbli ma’ dak li ddikjara l-konvenut f’paragrafu 6(vi) u 6(vii) tad-dikjarazzjoni guramentata (fol. 16).

[2] Seduta tat-3 ta’ Ottubru 2008.

[3] Rilevanti wkoll li x-xhud kien xi hadd ta’ fiducja tal-konvenut peress li kien jaghmillu xoghol bhala accountant.

*"Xhud - Ippreparajt il-ftehim, irrangajna l-gurnata biex jigu t-tnejn fl-ufficcju tieghi De La Salle Avenue, Gzira u ppreparajt l-agreement. Niftakar li Mrs Parnis giet imma huha s-sur Bonnici ma tfaccax.*

*Dr Peter Borg Costanzi - Inti kellimtu lilu ?*

*Xhud - Iva. Niftakar kellimtu u wrejtulu u niftakar ukoll qalli ghamel adjustment fuqu halli nkun kuntent. Fil-fatt ghamilt adjustment, bqajt niccejsjah biex jiffirmah dan il-kuntratt u qatt ma ffirmah."*.

Jidher ukoll li l-konvenut kien ried li jsir iktar tibdil fil-ftehim. Tant hu hekk li l-istess xhud kompla jghid: *"Qalli if during the first period a third party will submit an offer which exceeds the seventy thousand, Joe Bonnici will first ask Mrs Paris. Dik kienet u ma trangatx ghax qatt ma sibna c-cans jew li nkunu t-tlieta u niddiskutuha din."*.

Il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita minn dak li qal dan ix-xhud iktar u iktar meta hu evidenti li m'ghandux xi interess personali fil-kaz. Sahansitra, jirrizulta li permezz ta' *sanction letter* datata 14 ta' Awissu 2001, l-HSBC gharraf lill-attrici u l-konvenut li kienu nghataw overdraft ta' Lm1,000 bhala *"Working capital finance in connection with the running of Il-Lampier Restaurant."* taht il-kondizzjonijiet li jissemmew fl-ittra. L-ittra giet iffirmata mill-attrici u l-konvenut. Ir-raguni tghidlek li jekk qatt ma kienx hemm intenzjoni li l-attrici u l-konvenut ikunu shab fin-negozju, ma kienx hemm lok li flimkien japplikaw ghall-facilita' ta' overdraft.

Pero' l-abbozz ta' ftehim li pprezenta Emy Farrugia hu fih innifsu prova li l-ftehim kellu jkun bil-miktub. Gialadarba kienet biss l-attrici li ffirmatu, il-formalita' baqghet ma saritx[4]. Ghalhekk fir-realta' l-ftehim qatt ma gie konkluz u jfisser li l-attrici kienet qeghda topera n-negozju fl-interess taghha.

---

[4] Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc – *"Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita' tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita."*.

Madankollu saru spejjez fil-hanut sabiex jittranga ghaliex kien ghamel xi zmien maghluq u l-atturi bdew jahdmu fil-fond sa Gunju 2002. Fl-14 ta' Ottubru 2002 il-fond inbiegh minn Joseph Percy Bonnici, li deher ghal VEBO Limited, lil Pasquale Taliana[5].

Il-konvenut ikkonferma li kellu jhallas lill-ohtu tal-ispejjez li ghamlet fil-fond. Spjega –

*"Meta ftehmna li rrid inbiegh u hi ma tridx tixtri ghidtilha mela issa tini c-cavetta.* ***Ghidtilha ara xi spejjez hemm, ghidtilha l-ispejjez li ghamilt intihomlok. Dak kien il-kliem."*** [6] (enfazi tal-qorti).

Pero jghid li meta tatu c-cavetta u mar fil-fond, sab li saritlu l-hsara. Jiddeskrivi xena ta' herba u jaghti x'jifhem li l-attrici ghamlet vendikazzjoni fil-fond. X'setghet kienet l-intenzjoni tal-attrici li taghmel dik il-hsara kollha li ddeskriva l-konvenut meta l-atturi kienu ghadhom ma gabrux l-ispejjez li ghamlu fil-fond. Ghad-domanda *"Dhalt hemm gew inti u haddiehor tkissur kull m'hemm ?"* l-attrici wiegbet:

*"Mhux veru ghax jien kelli niehu l-flus meta jaghmel kuntratt u l-kuntratt sar f'Lulju* (fir-realta' l-kuntratt gie ppubblikat f'Ottubru 2002) *u c-cwievet hadhom f'Gunju ghax kellu bzonn xi mizien qalli jimporta niehu c-cwievet ghax tieghi tlifthom ha mmur ghalih ?"*[7].

Sabiex jikkorabora il-verzjoni tieghu, il-konvenut ressaq bhala xhieda lil –

i. **Saviour Bonnici**, wiehed mill-ahwa Bonnici, li xehed li l-attrici kienet qaltlu li ser tmur tkisser fil-fond[8]. Il-qorti tistqarr li ghandha dubju dwar kemm dan ix-xhud hu kredibbli meta tqies li l-ewwel darba xehed li ohtu kienet marret tkellmu d-dar u qaltlu –

---

[5] Ara l-kuntratt pubblikat min-nutar Dr Mario Bugeja a fol. 20.
[6] Fol. 139.
[7] Fol. 107.
[8] Seduta tat-12 ta' Frar 2009 (fol. 121) u 16 ta' Marzu 2010 (fol. 176).

*"....mhux sewwa ghax ghamilt l-ispejjez. Ghax immur inkisser kull m'hemm. Ghidtilha l-affarijiet mux hekk."*.

Imbaghad it-tieni darba li xehed qal li *"..... dik kienet cemplitli u kienet irrabjat u qaltli ghaliex sejra tkisser. Dan id-diskors qalitu quddiem ohti l-ohra Isabelle Dalli u t-tifla t'ohti."*.

Ghalkemm Isabelle Dalli xehedet, kull ma qalet kien:-

*"Kull ma naf huwa li darba gie hija Joseph u qalli li Rosanna ghamlitlu l-hsara fil-hanut. Hu gie jurini certi ritratti. Jiena ghidtlu li minn dana kollu ma jinteressani xejn u ma rajthomx dawn ir-ritratti ghaliex jiena ma ridtx nidhol bejn huti."*[9].

In kontro-ezami Saviour Bonnici gie muri ritratti tal-fond li pprezentaw l-atturi. Muri dawn ir-ritratti qal –

*"Xhud – Hawnhekk hawn id-data tar-ritratt.*
*Dr Peter Borg Costanzi – February 2001.*
*Xhud – Il-camera ma tistax tibdilha. Dawn huma ezatt kif sar it-tkissir."*.

Dan ma jistax ikun minnu ghaliex fi Frar 2001 kien ghadu ser jibda jitranga l-fond. In-negozju ma kienx kompla f'Gunju 2002[10].

Inoltre meta l-qorti qrat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Saviour Bonnici, hadet impressjoni ta' animozita bejn ix-xhud u ohtu. F'dawn ic-cirkostanzi m'ghandux ikun li l-qorti tistrieh fuq dak li qal Saviour Bonnici gialadarba ma tqiesux li hu imparzjali.

ii. **Ronnie Cauchi** xehed *"Dak kont niezel id-dar Wied il-Ghajn hemm stess Pjazza Sant'Anna u ltqajt ma' Joe u kien qalli ghandi c-cwievet tal-hanut f'idejja. Qalli*

---

[9] Fol. 175.
[10] Ara ittra li l-attrici baghatet lill-Kummissarju tal-VAT datata 17 ta' Dicembru 2003.

*ejja naraw x'halliet u dhalna jien u hu flimkien u lanqas stajna nidhlu ghax kien hemm kollox imkisser."*[11].

Il-qorti taraha kemxejn suspettuza li l-konvenut qaghad ighid lil Cauchi biex jakkumpanjah ir-restaurant. Sa dak iz-zmien jidher li l-attrici kienet accettat li tirritorna lura r-restaurant sabiex il-konvenut ikun jista' jbieghu. Sahansitra, il-persuna li xtara l-fond, Pasquale Taliana, ikkonferma li qabel xtara kien iltaqa' mal-attrici u kullhadd kien kuntent b'dak li ser isehh. Zied ukoll *"Sono stato invitato dalla signora io a casa in un bbq e abbiamo passato una bellissima serata."*[12]. Atteggjament li ma jurix li l-attrici kellha xi problema taccetta 'l fatt li ma kenitx ser tibqa' tgawdi r-restaurant bl-investiment li ghamlu fih.

L-istess Pasquale Taliana, li xtara r-restaurant minghand VEBO Limited, ikkonferma li meta ra l-fond f'Marzu 2002 kien fi stat perfett. Spjegaw wkoll li f'okkazzjoni ohra kien mar fil-fond u sab lill-konvenut qieghed ibiddel katusa li kien hemm kif tidhol ir-restaurant, u madum tal-hajt fil-kcina li kienu mkissrin.

Il-konvenut xehed li ghamel spiza ta' madwar Lm1,600 biex sewwa l-hsara. Pero' ma tax rendikont ta' kif nefaq din is-somma.
Il-qorti rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2215/2003[13] u fir-ritratti esebiti jidhru mwejjed u siggijiet maqlubin u fliexken mal-art. Ghalkemm l-impressjoni li tiehu mir-ritratti mhi xejn sabiha, pero' ma jurux hsarat fix-xoghol permanenti li sar fil-fond. Min-naha l-ohra l-konvenuti pprezentaw video li fih tidher hsara estensiva fil-madum tal-hajt fil-kcina. Minn dan il-filmat hu evidenti li xi hadd qabad mazza u beda jsabbatha mal-hajt. Il-qorti temmen li l-probabilita' hi li l-hsara saret mill-attrici. Ma tarax li hu verosimili li l-konvenut, li kien wasal sabiex jikkonkludi l-bejgh tal-fond ma' Taliana, kien ser joqghod imur ir-restaurant u jaghmel dik il-hsara fi hwejgu u li waslitu biex ikollu jaghmel jaghmel it-tiswija ghas-spejjez tieghu. Dan meta hu stess kien qal lill-attrici li ser

[11] Fol. 116 - seduta tat-12 ta' Frar 2009.
[12] Fol. 174.
[13] Saret riferenza ghalihom fin-nota tal-eccezzjonijiet.

ihallashom tal-ispejjez. Il-probabilita’ hi li l-incident inqala’ meta l-konvenut ma kienx accetta li jhallas ic-cifra kollha li kienu qeghdin jippretendu l-atturi, u r-reazzjoni kienet dik li tidher mir-ritratti u filmat. Il-qorti hi wkoll moralment konvinta li dan gara proprju fiz-zmien in kwistjoni meta tqies li Taliana kkonferma li kien mar ir-restaurant u ra lill-konvenuti ibiddel il-madum tal-hajt tal-kcina.

B’riferenza ghall-eccezzjonijiet numru:-

i. **Wiehed (1)** – fil-fehma tal-qorti Raymond Cutajar ghandu nteress gialadarba l-ispejjez fil-fond saru minnu u mill-attrici. Hu minnu li s-shubija fin-negozju kellha tkun bejn l-attrici u l-konvenut Bonnici, madankollu din qatt ma mmaterjalizzat. Meta talab lura c-cwievet ral-fond, il-konvenut obbliga ruhu li ser ihallashom tal-ispejjez li saru fil-fond. L-attur stess xehed: *“...... jiena lilu kellimtu personalment kont mort u tani garanzija ta’ ragel b’unur qalli inti l-flus se tehodhom zgur ibqa’ cert, qalli morru ghand l-accountant.”*[14]. Ghalhekk f’dan ir-rigward l-attur ghandu nteress guridiku.

ii. **Tnejn (2)** – Il-konvenuti Bonnici m’humiex il-legittimi kontradditturi. Il-qorti temmen li l-kumpannija konvenuta m’ghandha x’taqsam xejn f’dan il-kaz. Hu minnu li l-fond kien proprjeta’ taghha, madankollu kien Joseph Percy Bonnici li obbliga ruhu li ser ihallas lill-atturi ghall-ispejjez li ghamlu fir-restaurant. Fl-ebda stadju ma rrizulta li qalilhom li kien qieghed jitkellem f’isem il-kumpannija. Minn dak li xehedet l-attrici jidher li lanqas biss kienet taf li r-restaurant kien proprjeta tal-kumpannija. Mill-provi ma rrizultax li l-konvenuta kienet involuta fil-ftehim li l-konvenut ghamel mal-atturi wara li talabhom lura l-pussess tar-restaurant ghaliex ried ibieghu. Attur ghandu d-dmir jaghti prova ta’ dak li jallega. Ladarba l-atturi ma tawx prova li hemm xi relazzjoni guridika l-qorti ma tistax tilqa’ t-talba taghhom fil-konfront ta’ din il-konvenuta.

iii. **Tlieta (3)** – il-qorti ma taqbilx li l-kawza hi bazata fuq shubija f’negozju. Fil-fatt fil-premessi tac-citazzjoni jghidu li kien hemm *“**weghda** tal-konvenut Joseph Percy*

[14] Fol. 111 – seduta tat-12 ta’ Frar 2009.

*Bonnici"* li jippartecipaw fin-negozju ghall-perjodu ta' ghaxar snin. Shubija li rrizulta li ma kienx hemm gialadarba l-formalita' ma gietx segwita. Inoltre ma saret l-ebda talba sabiex issir likwidazzjoni tal-attiv u passiv tan-negozju u ssir qasma bejn il-kontendenti. Ghall-qorti, mic-citazzjoni hu car li l-atturi jippretendu hlas tal-ispejjez li ghamlu fil-fond, kif ukoll li jinghataw kumpens ghas-sighat ta' xoghol li ghamlu kemm meta kienu qeghdin jirrangaw kif ukoll minhabba li l-konvenut hadem fih bhala barman. Il-hlas tal-ispejjez hu relatat mal-ftehim li l-atturi jsostnu li kkonkludew mal-konvenut meta ddecieda li jbiegh il-fond u talab lill-ohtu sabiex tatih lura l-pussess tal-fond.

iv. **Erbgha (4)** – il-qorti ma tara l-ebda nullita' mill-fatt li ma saritx talba sabiex jigi dikjarat li l-konvenuti huma inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali taghhom. Minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li dak hu li qeghdin jalludu ghalih l-atturi fil-premessi tac-citazzjoni.

Fir-rigward tal-hlas li qeghdin jippretendu l-atturi ghax-xoghol li sar fir-restaurant, il-qorti diga' kkonkludiet li kien hemm ftehim li l-attur ser ihallas ghall-ispejjez li saru. Il-qorti ma taqbilx mal-konvenut li l-ispejjez saru b'riskju tal-atturi u din it-tezi hi kontradittorja ma' kliemu:-

*"Ghidtilha ara xi spejjez hemm. Ghidtilha l-ispejjez li ghamilt intihomlok. Dak kien il-kliem."*[15].

Hu ghalhek car li l-konvenut kien obbligu ruhu li ser ihallas. Ghalkemm il-konvenut isostni li l-ispejjez li saru thallsu mid-dhul tar-restaurant, din l-allegazzjoni ma gietx pruvata. F'kull kaz in-negozju kien qed jigi gestit minn ohtu u rajna wkoll kif ma gie konkluz l-ebda ftehim ta' shubija bejn l-ahwa. Ghalhekk dak li eccepew il-konvenuti dwar pagi li setghet hadet l-attrici m'huwiex rilevanti. L-istess jinghad fir-rigward tat-tezi tal-konvenut li l-atturi *"approprijaw ammonti ta' flejjes ghalihom infushom minghajr qatt ma kien hemm ftehim fuq hekk..."*, meta rrizulta li ma kienx hemm shubija bejniethom. Argumenti li huma ghal kollox kontradittorji ghal posizzjoni li hadu l-konvenuti li ma kien jezisti l-ebda ftehim ta' shubija, kif

[15] Fol. 139.

wara kollox xehed il-konvenut waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2009. Wara li l-qorti rat il-filmati u ritratti li pprezentaw il-partijiet kif ukoll l-atti l-ohra:-

i. Tqies li l-kontijiet li pprezentaw l-atturi dwar l-ispejjez li ghamlu fil-fond, huma veritieri. M'hemmx dubju li l-atturi ghamlu spejjez konsiderevoli fil-fond meta tqies li bidlu ghal kollox l-istil tar-restaurant.
ii. *Arbitrio boni viri* ser tnaqqas is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) li jkopru l-hsara li saret fil-fond, ladarba l-konvenut ma gabx provi dwar l-ammont ta' spejjez li nkorra, sabiex taghmel tajjeb ghall-hsara li saret fil-fond.

Ghal dak li jikkoncerna l-pretensjoni tal-atturi sabiex jithallsu s-somma ta' Lm4,466 bi *"hlas ta' ghal elf u erbghin siegha xoghol li wettqu kemm fil-fond innfisu kif ukoll ghal sena shiha fejn l-attur Raymond Cutajar hadem bhala barman u li ghalih qatt ma rcieva hlas jew kumpens."*, il-qorti hi tal-fehma li dan l-ammont m'huwiex dovut meta tqies –

i. L-atturi ma taw l-eba rendikont tax-xoghol li huma personalment ghamlu fil-fond in kwistjoni. L-atturi ma jistghux jippretendu, kif ghamlu fin-nota ta' sottomissjonijiet, li l-qorti tiffssa somma *arbitrio boni viri*. F'kull kaz il-ftehim mal-konvenut kien li ser ihallashom l-ispejjez li ghamlu fil-fond, u mhux li ser jikkumpensahom ghal *mano d'opera* taghhom;
ii. Xoghol li l-attur qal li ghamel bhala barman ma jirrizultax li sar fl-interess tal-konvenuti jew fuq inkarigu taghhom. Fil-perjodu li r-restaurant kien f'idejn l-attrici, kien ghadu ma giex iffirmat il-ftehim u l-qorti kkonkludiet li l-attrici kienet qeghda tiggestixxi n-negozju fl-interess taghha. Lanqas ma rrizulta li xi hadd mill-konvenuti ppartecipa fi qliegh li gie registrat mir-restaurant.

L-atturi qeghdin ukoll jippretendu hlasijiet ghall-affarijiet li ma jissemmewx fic-citazzjoni, ezempju stock, Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u valur ta' oggett personali[16]. Billi m'humiex

[16] Ara nota ta' sottomissjonijiet – fol. 394.

komprizi fit-talba, il-qorti hi prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' din il-pretensjoni[17].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi –**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
**2. Tillibera lill-kumpannija konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.**
**3. Tilqa' t-tieni eccezzjoni limitatament fir-rigward tal-konvenuta Catherine Bonnici u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Tichad l-istess eccezzjoni fil-konfront tal-konvenut Joseph Percy Bonnici.**
**4. Tichad it-tielet eccezzjoni.**
**5. Tichad ir-raba' eccezzjoni.**
**6. Tilqa' l-hames eccezzjoni limitatament li ma kien hemm l-ebda ftehim li l-attur Raymond Cutajar jithallas mill-konvenut ghal xoghol li seta' ghamel bhala barman.**
**7. Tichad is-sitt eccezzjoni.**
**8. Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jhallas lill-atturi ghall-ispejjez li ghamlu fir-restaurant il-Lampier, 17, Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsascala u tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf disgha mija u sebgha u ghoxrin ewro (€16,927).**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 56% a karigu tal-konvenut u 44% a karigu tal-atturi, b'dan li spejjez relatati mal-eccezzjonijiet li gew michuda jkunu a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] *"Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi. Is-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda."* (**Giuseppe Debono vs Chevalier Antonio Cassar Torregiani et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru 1942).